jħobbu jiktbulek: *politiki*, *demokratiki*, *pubbliki* flok *politiċi*, *demokratiċi*, *pubbliċi*, kelmiet li fl-użu jieħdu d-desinenza tal-plural Taljan bħalma jieħdu kliem ieħor b'inkejja tal-preservazzjoni tar-radikali fil-Malti. Din l-anomalija ortografika, mill-bqija, tidher wisq ċara fid-differenza tal-plural *grammatiki* (nom) u *grammatiċi* (aġġettiv); hekk tal-plurali *kritiki* (nom) u *kritiċi* (aġġ.) fejn it-tielet radikali tas-singulari *grammatico* u *critico* fil-plural jieħdu d-desinenza Taljana *ċi*; u fil-kelma (għalkemm imħassra mill-popolin) ta' *xmaċti*—metatesi ta' *xmatċi*—flok *xismatiċi*, li turi kemm saħansitra f'ilsien il-poplu baqgħet id-desinenza tal-plural *ċi* ta' kliem mit-Taljan bid-desinenza tas-sigular *co*.

Fil-għażla tal-kliem safi wieħed għandu juża sens tal-proporzjon kif ukoll sens ta' l-estetika fil-bini tas-sentenzi b'dan il-kliem. Wara kollox għandna wkoll inġibu quddiem għajnejna li fiż-żminijiet li aħna fihom, ta' evoluzzjoni fil-gosti artistiċi u ta' moderniżmu fil-ħsieb u fl-istil, il-puriżmu sab il-qabar tiegħu.

Żewġ ħwejjeġ huma importanti li naraw u nqisu fil-għażla tal-kliem, l-ewwelnett illi għall-imħabba żejda tal-puriżmu ma nwarrbux dak il-kliem ta' nisel barrani li daħal fil-Malti u li jista' jagħtina t-tifsira preċiża tal-ħsieb tagħna; it-tieni illi nqisu s-*semantika* u *sinonimia* tal-kliem, ħaġa li tagħtina t-tarf biex ma nabbużawx mill-użu tal-kliem safi.

L-imħabba żejda tal-puriżmu f'xi kittieba qiegħda saħansitra tgħarraq l-istil ta' l-arti drammatika moderna Maltija fejn id-djalogu mgħobbi 'l hawn u 'l hinn b'xi kliem safi mdeffes flok kliem jew frażijiet popolari jitlef is-sens, il-qawwa u l-effett tekniku tiegħu.

Milli jidher il-lum il-puriżmu jitolbuh fil-kliem biss, u ċerta klassi ta' *cruscanti*, (jew xi kittieba b'ċerta doża ta' puriżmu fejn il-kliem ta' stil letterarju huwa l-*materja prima*), u donnu li hemm jieqaf biss. Ma nistennewx li għandna nsibuh fid-drawwiet jew fil-modi. Fil-moderniżmu letterarju ġie li nsibu l-maqlub ta' l-arti purista u konservativa ta' stil klassiku, jiġifieri dawk il-liċenzi u stravaganzi ġodda, fil-letteratura moderna, li jħalluk tgħum fl-ajru u fid-degħbien tal-ħsieb fejn, barra minn dan, waħda mill-karatteristiċi huma nuqqas ta' punteġġatura u żbalji grammatikali, li huma wkoll l-ewwel kondizzjonijiet biex xi mindaqqiet tieħu premju letterarju! Xi ħaġa hekk naraw ukoll fl-arti: tgerfix u taqlib ta' gosti u estetika fl-istess tpinġija tan-



natura u dana kollu biex l-arti teħles mill-ktajjen tal-konservativiżmu li rabba l-għanqbut; u biex tasal għal dawn il-kapriċċi, jew *picassismi*, kif isejħulhom it-Taljani, ma tridx toqgħod għar-reguli tal-grammatika u wisq iżjed għal dawk tas-sintassi artistika. Meta niġu għall-kliem erħilu l-purista jgħarbel u jarġa' jgħarbel u jara li kelma jkollha t-timbru tal-fabbrika lokali, fil-waqt li fil-pittura ebda reqqa fil-linji u fond ta' l-arti primitiva medjovali jew klassika. Nistennew li fl-aħħar għad tinbet xi setta ta' puristi tal-pittura u ta' l-iskoltura biex għallinqas ma tagħmelx għajb lil dik ta' ċerta arti f'xi kitba Maltija tal-lum!

---

## O SPEM MIRAM!

*Ta'* VAL. V. BARBARA, O.P.

Jiġu waqtiet, twajjeb Missier, li d-difa
tas-sema tiegħi jixheb, il-werqiet
torja tat-tama, qishom f'xi ħarifa
ta' niket, jaqgħu bikri f'art l-imwiet.

U nħoss li ruħi m'għadhiex hekk ħafifa
sabiex tiftaħ il-ġwienaħ lejn l-għoljiet
imqaddsa ta' Sijon, fejn hi nadifa
in-nixxiegħa tal-ħajr, kollha ħlewwiet.

'Ma xħin inġib quddiem għajnejja lilek
mixħut għal wiċċek fl-art f'Santa Sabina
titlob u traħħam lil Ġesù għalija,
kemm ħelwa l-*O Spem Miram* li ngħannilek
toħroġ fis-sliem minn qalbi, kemm ħanina
tkun idek li terfagħni minn kull ħtija.

---